MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Numru. 82/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Clayton Zammit**

**Kumpilazzjoni Nru: 82/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clayton Zammit, bin Anthony u Theresa nee’ Cromby, imwieled Pieta’ fil-05 ta’ Ottubru 1989, residenti fil-fond Edelweiss, Triq il-Katakombi tal-Bistra, Mosta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Maltija numru 462889(M).

Akkuzat talli fit-30 ta’ Dicembru 2014 ghall-habta tas-sebgha ta’ filghodu f’dawn il-Gzejjer gewwa Mosta minghajr hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ Clayton Mazzitelli f’periklu car, hebb ghall-istess Clayton Mazzitelli 448584M u kkagunalu offizi ta’ natura gravi kif iccertifikat minn Dr. Ramon Scerri MD (1986) mic-centru tas-sahha tal-Mosta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunisdrat

Illi l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni dwar dan il-kaz kien il-parte civile Clayton Mazzitelli. Peress illi anke fil-konfront ta’ dan Clayton Mazzitelli hemm pendenti proceduri penali b’rabta ma’ l-incident mertu tal-proceduri odjerni l-imsemmi Mazzitelli prevalixxa ruhhu mill-fakolta li ma jixhidx.

Illi ghalhekk ma kienx hemm provi biex tigi sostanzjata l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------